IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.1.2016
COM(2016) 3 final

2016/0008 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-Seba' Sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar dwar il-merkurju u fl-ewwel laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni proviżorja u sussegwentement tal-adozzjoni finali tal-gwida msemmija fil-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 8.

Memorandum ta' Spjegazzjoni

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Unjoni Ewropea (UE) u 26 Stat Membru ffirmaw il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni")[1] li ġiet innegozjata taħt l-awspiċi tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) u adottata f'Ottubru 2013 waqt Konferenza tal-Plenipotenzjarji f'Kumamoto, il-Ġappun[2].

Il-Konvenzjoni hija l-qafas legali internazzjonali ewlieni mmirat lejn il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-emissjonijiet u r-rilaxxi antropoġeniċi tal-merkurju u l-komposti tal-merkurju (minn hawn' il quddiem msemmija bħala "l-emissjonijiet tal-merkurju") fl-arja, l-ilma u l-art. Hija tindirizza ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-merkurju mill-estrazzjoni primarja tal-merkurju għar-rimi tal-iskart tal-merkurju.

L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jobbliga lill-Partijiet biex jikkontrollaw u, fejn ikun possibbli, inaqqsu l-emissjonijiet tal-merkurju fl-arja li joriġinaw minn punti ta' sors li jaqgħu fi ħdan il-kategoriji tas-sorsi elenkati fl-Anness D. Skont l-Artikolu 8(2)(b) tal-Konvenzjoni, Parti tista' tagħżel li tirregola parti biss mis-sorsi koperti f'kategorija tas-sorsi, sakemm is-sorsi koperti jammontaw mill-inqas għal 75 fil-mija tal-emissjonijiet mill-kategorija tas-sorsi kkonċernata.

F'konformità mal-Artikolu 8(4) tal-Konvenzjoni, il-Partijiet għandhom jeżigu li "s-sorsi kollha" ġodda[3] jagħmlu użu mill-aqwa teknika disponibbli (Best Available Techniques, BAT) u mill-aħjar prattiċi ambjentali (Best Environmental Practices, BEP). Għal "sorsi eżistenti", il-Partijiet għandhom jikkontrollaw l-emissjonijiet tal-merkurju fl-atmosfera permezz ta' waħda jew aktar mill-miżuri elenkati fl-Artikolu 8(5) tal-Konvenzjoni, li jinkludu l-użu tal-BAT u tal-BEP, l-istabbiliment ta' mira kwantifikata jew l-iffissar ta' valuri limitu tal-emissjonijiet (Emission Limit Values, ELVs). Mill-Partijiet huwa mistenni wkoll, bis-saħħa tal-Artikolu 8(7) tal-Konvenzjoni, li jistabbilixxu u jżommu inventarju tal-emissjonijiet tal-merkurju fl-arja mis-sorsi rregolati skont l-Artikolu 8.

Biex jassisti l-Partijiet fit-twettiq ta' dawn l-obbligi, l-Artikolu 8(8) u (9) tal-Konvenzjoni jipprovdi li għandha tiġi adottata gwida mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni (CoP) dwar il-BAT u l-BEP, dwar l-appoġġ lill-partijiet fl-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 8(5) (b'mod partikolari sabiex jistabbilixxu għanijiet kwantifikati u ELVs), dwar il-kriterji li l-Partijiet jistgħu jimplimentaw skont l-Artikolu 8(2)(b) u dwar il-metodoloġija għat-tħejjija ta' inventarju tal-emissjonijiet.

It-tieni (2) sentenza tal-Artikolu 8(10) tal-Konvenzjoni tispeċifika li l-Partijiet għandhom jieħdu kont ta' din il-gwida meta jimplimentaw l-Artikolu 8.

F'dan il-qafas, il-Konferenza tal-Plenipotenzjarji dwar il-Konvenzjoni stabbiliet u ddelegat grupp ta' esperti tekniċi, bħala korp sussidjarju li jirrapporta lill-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar, biex jiżviluppa d-dokumenti ta' gwida mitluba fl-Artikolu 8(8) u (9) imsemmi hawn fuq. L-objettivi stabbiliti mill-Konferenza għandhom jippermettu lis-CoP li tiddeċiedi dwar dawn il-kwistjonijiet fl-ewwel laqgħa tagħha u biex tippromwovi azzjoni internazzjonali

---

1 Kopja ċċertifikata tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju hija disponibbli fuq: https://treaties.un.org/doc/Treaties/2013/10/20131010%2011-16%20AM/CTC-XXVII-17.pdf

2 L-Unjoni Ewropea u wieħed u għoxrin Stat Membru ffirmaw il-Konvenzjoni ta' Minamata fl-10 ta' Ottubru 2013; il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja u l-Polonja fl-24 ta' Settembru 2014 u Malta fit-8 ta' Ottubru 2014. Filwaqt li l-Estonja u l-Portugall ma ffirmawx il-Konvenzjoni, huma esprimew l-impenn tagħhom biex jirratifikawha.

3 "Sors ġdid" tfisser kwalunkwe sors li l-kostruzzjoni jew il-modifika sostanzjali tiegħu bdiet mill-inqas sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Parti kkonċernata.

rapida sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-emissjonijiet tal-merkurju antropoġeniċi sakemm tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni[4]. Fil-fatt, l-erba' dokumenti ta' gwida ġew iffinalizzati minn dan il-grupp ta' esperti, ippubblikati mis-Segretarjat tal-UNEP fi [XX/XX/XXXX][5] u għandhom għaldaqstant jiġu sottomessi għall-adozzjoni proviżorja fis-Seba' sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar (INC. 7) li għandha sseħħ mill-10 sal-15 ta' Marzu 2016 fil-Ġordan, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li dawn mhumiex mistennija li jiġu modifikati fis-sustanza fil-perjodu bejn din l-adozzjoni proviżorja u l-adozzjoni formali u finali mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni (CoP).

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-grupp ta' esperti tekniċi ltaqa' erba' darbiet bejn Frar 2014 u Settembru 2015. Wara konsultazzjoni pubblika mill-UNEP dwar l-abbozz tad-dokumenti ta' gwida li saret fis-sajf tal-2015, il-grupp iffinalizza l-abbozzi tad-dokumenti ftit wara r-raba' laqgħa tiegħu li saret mill-10 sal-15 ta' Settembru 2015 fi Stokkolma.

Filwaqt li l-UE qed taħdem lejn it-traspożizzjoni fil-liġi tal-Unjoni u r-ratifika tal-Konvenzjoni, l-obbligi li jirriżultaw mill-paragrafi 4, 5 u 7 tal-Artikolu 8 imsemmi hawn fuq, kif ikkomplementat mill-gwida dwar l-Artikolu 8, huma diġà stabbiliti f'bosta strumenti tal-UE. B'mod partikolari, id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED)[6] tesiġi mill-operaturi tal-installazzjonijiet koperti mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu t-tniġġis ikkawżat, pereżempju, minn emissjonijiet tal-merkurju, u, għal dak l-għan, li jagħmlu użu mill-BAT. Rigward l-obbligu li jistabbilixxu u jżommu inventarju tal-emissjonijiet tal-merkurju u l-metodoloġija rilevanti spjegata fil-gwida proposta, ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 dwar Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (E-PRTR)[7] jistabbilixxi dan l-inventarju.

Għalhekk, l-adozzjoni proviżorja ta' dokumenti ta' gwida, segwita mill-adozzjoni formali mis-CoP, ma twassal għal ebda impatt soċjoekonomiku jew ambjentali addizzjonali fl-UE. Iżda tinkoraġġixxi lill-pajjiżi terzi biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-merkurju fl-arja li jikkawżaw tniġġis transkonfinali fl-UE u jikkontribwixxu għat-tniġġis fil-katina tal-ikel globali.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Meta wieħed jikkunsidra li l-leġiżlazzjoni tal-UE hija f'konformità mal-erba' dokumenti ta' gwida proposti, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-UE fl-INC. 7 għandha tkun li tappoġġahom sabiex tiżgura li jiġu adottati provviżjorjament, bil-ħsieb li tippromwovi l-implimentazzjoni tagħhom malajr kemm jista' jkun u li tippermetti l-adozzjoni formali u finali tagħhom mis-CoP fl-ewwel laqgħa tagħha.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Id-deċiżjoni proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-Unjoni.

---

4 Riżoluzzjoni 1, paragrafu 10, UNEP (DTIE)/Hg/CONF/4

5 It-test tal-erba' gwidi, kif iffinalizzat mill-grupp ta' esperti tekniċi li rċieva l-mandat mill-Konferenza tal-Plenipotenzjarji u ppubblikat mis-Segretarjat tal-UNEP fi [XX/XX/XXXX) huwa disponibbli fuq [...].

6 Id-Direttiva 2010/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-Emissjonijiet Industrijali, ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

7 Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta ' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta ' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE, ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1.

2016/0008 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-Seba' Sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar dwar il-merkurju u fl-ewwel laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni proviżorja u sussegwentement tal-adozzjoni finali tal-gwida msemmija fil-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 8.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni ffirmat il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju[8] (minn hawn' il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni").

(2) L-Artikolu 8(4) tal-Konvenzjoni jobbliga lill-Partijiet jiżguraw li punti ta' sorsi ġodda li jaqgħu fi ħdan il-kategoriji tas-sorsi elenkati fl-Anness D jużaw l-aqwa teknika disponibbli u l-aqwa prattika ambjentali disponibbli biex jikkontrollaw u, fejn ikun possibbli, inaqqsu l-emissjonijiet tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-atmosfera.

(3) L-Artikolu 8(5) tal-Konvenzjoni jipprovdi li l-partijiet għandhom jikkontrollaw u, fejn ikun possibbli, inaqqsu l-emissjonijiet fl-arja tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju minn punti ta' sorsi eżistenti li jaqgħu fi ħdan il-kategoriji tas-sorsi elenkati fl-Anness D billi jimplimentaw waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin: l-użu tal-aħjar teknika disponibbli u l-aħjar prattika ambjentali u/jew l-istabbiliment ta' miri kwantifikati u/jew ta' valuri ta' limitu tal-emissjonijiet u/jew ta' strateġija ta' kontroll multinkwinanti u/jew miżuri alternattivi.

(4) L-Artikolu 8(7) tal-Konvenzjoni jistieden lill-Partijiet biex jistabbilixxu u jżommu inventarju tal-emissjonijiet tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-atmosfera.

(5) L-Artikolu 8(8) tal-Konvenzjoni jistipula li l-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, fl-ewwel laqgħa tagħha, għandha tadotta gwida dwar l-aħjar teknika disponibbli u l-aħjar prattika ambjentali, filwaqt li tqis kwalunkwe differenza bejn is-sorsi l-ġodda u dawk eżistenti u l-ħtieġa li jiġu mminimizzati l-effetti transmedjali, kif ukoll gwida mmirata li tappoġġja l-partijiet biex jimplimentaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 8(5) b'mod partikolari biex jiddeterminaw il-miri u jistabbilixxu l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet.

[8] Kopja ċċertifikata tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju hija disponibbli fuq: https://treaties.un.org/doc/Treaties/2013/10/20131010%2011-16%20AM/CTC-XXVII-17.pdf

(6) L-Artikolu 8(9) tal-Konvenzjoni jipprevedi l-adozzjoni mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, malajr kemm jista' jkun, ta' gwida dwar il-kriterji li l-Partijiet jistgħu jiżviluppaw skont l-Artikolu 8(2)(b), meta jagħżlu li japplikaw miżuri ta' kontroll dwar l-emissjonijiet tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-arja biss għall-punti ta' sors li jkunu f'kategorija partikolari ta' sorsi elenkata fl-Anness D, bil-kundizzjoni li mill-inqas 75 fil-mija tal-emissjonijiet tal-kategorija ta' sorsi kkonċernata jkunu koperti, u ta' gwida dwar il-metodoloġija li għandha tintuża għat-tħejjija tal-inventarji tal-emissjonijiet tal-merkurju u tal-komposti tal-merkurju fl-arja.

(7) It-tieni sentenza tal-Artikolu 8(10) tal-Konvenzjoni tispeċifika li l-Partijiet għandhom jieħdu kont tal-gwida meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 8. Għalhekk, din il-gwida se jkollha effetti legali.

(8) It-test tal-erba' dokumenti ta' gwida proposti ġie żviluppat mill-grupp ta' esperti tekniċi stabbilit u awtorizzat mill-Konferenza tal-Plenipotenzarji dwar il-Konvenzjoni skont l-Att Finali ta' din il-Konferenza u formalment ippubblikat mis-Segretarjat tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent fi [XX/XX/XXXX].

(9) Il-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar tal-Konvenzjoni għandu jadotta b'mod proviżorju l-erba' dokumenti ta' gwida proposti fis-seba' sessjoni tiegħu li għandha sseħħ mill-10 sal-15 ta' Marzu 2016 fil-Ġordan sabiex jippromwovi l-implimentazzjoni tagħhom kemm jista' jkun malajr u biex il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tkun tista' tadottahom formalment fl-ewwel laqgħa tagħha.

(10) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inklużi d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-Emissjonijiet Industrijali[9] u r-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE[10] hija skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, kif ikkomplementat mill-gwida proposta.

(11) Il-gwida proposta għalhekk għandha tiġi appoġġata.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fis-seba' sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar dwar il-merkurju, l-Unjoni Ewropea għandha tappoġġa l-adozzjoni proviżorja tal-gwida msemmija fl-Artikolu 8(8)u (9) tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, kif iffinalizzata mill-grupp ta' esperti tekniċi b'mandat għal dan l-għan mill-Konferenza tal-Plenipotenzarji dwar il-Konvenzjoni u kif ippubblikata mis-Segretarjat tal-UNEP fi XX/XX/XXXX] sabiex tippromwovi l-implimentazzjoni tagħha kemm jista' jkun malajr u biex il-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tkun tista' tadottaha formalment fl-ewwel laqgħa tagħha.

L-Unjoni Ewropea għandha tappoġġa wkoll l-adozzjoni finali sussegwenti tal-gwida.

Tibdiliet minuri lill-gwida li jkunu konsistenti mal-*acquis* tal-Unjoni jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

[9] ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE, ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju li tadotta l-gwida għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President